Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 30 ta' Ġunju 2025
(OR. en)

10530/25
ADD 2

Fajl Interistituzzjonali:
2025/0825 (COD)

EF 205
ECOFIN 843
SURE 9

## NOTA TA' TRAŻMISSJONI

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | SWD(2025) 826 final |
| Suġġett: | DOKUMENT TA’ ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT<br>Rieżami tal-Qafas ta' Titolizzazzjoni<br>Li jakkumpanja d-dokument<br>Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL<br>li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata *u*<br>Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument SWD(2025) 826 final.

Mehmuż: SWD(2025) 826 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 17.6.2025
SWD(2025) 826 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI**

**SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

**Rieżami tal-Qafas ta' Titolizzazzjoni**

***Li jakkumpanja d-dokument***

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata *u***

**Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolament (UE) Nru 575/2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu fir-rigward tar-rekwiżiti għall-iskoperturi tat-titolizzazzjoni**

{COM(2025) 825 final} - {COM(2025) 826 final} - {SEC(2025) 825 final} - {SWD(2025) 825 final}

MT MT

**Ħtieġa li tittieħed azzjoni**

It-titolizzazzjoni tiġbor flimkien assi finanzjarji miżmuma mill-banek u mill-istituzzjonijiet finanzjarji, bħal self, ipoteki, jew dejn fuq il-karti ta' kreditu, u tgħaqqadhom fi prodotti ġodda li l-investituri jistgħu jixtru. L-investituri mbagħad jirċievu pagamenti regolari hekk kif jitħallas lura d-dejn oriġinali, simili għal meta jirċievu l-imgħax minn self. B'riżultat ta' dan, il-banek ikunu jistgħu jilliberaw il-kapital u jipprovdu self ġdid lill-unitajiet domestiċi u lin-negozji (jiġifieri korporazzjonijiet, SMEs), filwaqt li jittrasferixxu r-riskju barra mis-sistema bankarja.

Matul il-Kriżi Finanzjarja Globali, l-istandards ħżiena tal-industrija fl-Istati Uniti wasslu għal titolizzazzjonijiet ta' self riskjuż, li saru inadempjenti u affettwaw lill-investituri fl-UE. B'riżultat ta' dan, l-UE adottat regoli stretti dwar it-titolizzazzjoni, li kellhom l-għan li jsaħħu l-protezzjoni tal-investituri, it-trasparenza, il-fiduċja, u l-istabbiltà tas-suq tat-titolizzazzjoni. Wara 5 snin b'dawn ir-regoli fis-seħħ, evalwazzjoni tal-Kummissjoni wriet li kienet saret korrezzjoni eċċessiva. Il-qafas ta' titolizzazzjoni tfassal b'mod strett wisq, u qiegħed ixekkel l-iżvilupp tas-suq. Għalkemm is-suq ma żviluppax kif mistenni, sar aktar sigur. Ir-rivitalizzazzjoni tas-suq tat-titolizzazzjoni ġiet identifikata bħala inizjattiva importanti fl-ambitu tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, li tista' tgħin biex jiżdied il-finanzjament tal-ekonomija Ewropea.

L-evalwazzjoni tal-Kummissjoni wriet li l-objettivi għall-Qafas attwali, stabbiliti fil-Valutazzjoni tal-Impatt tal-2015, għadhom ma ntlaħqux, parzjalment jew kompletament. Il-Qafas kien parzjalment effettiv fit-tneħħija tal-istigma fost l-investituri u tal-iżvantaġġi regolatorji għal titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati. Madankollu, għamilha għalja biex jinxtraw u jinbiegħu l-assi titolizzati u ma għamilx il-proċess tat-titolizzazzjoni attraenti biżżejjed minħabba r-rekwiżiti prudenzjali kbar għall-banek u għall-assiguraturi.

Illum, il-potenzjal tat-titolizzazzjoni għad-diversifikazzjoni tar-riskju, għall-għoti ta' self addizzjonali lill-ekonomija u lill-iżvilupp tas-suq kapitali ma huwiex sfruttat biżżejjed fl-UE. Dan jirrappreżenta opportunità mitlufa għall-finanzjament tal-prijoritajiet strateġiċi tal-Ewropa, biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ta' finanzjament tat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali, u soċjali, l-infiq fid-difiża, kif ukoll biex jiġu approfonditi s-swieq kapitali Ewropej. F'dan il-kuntest, ir-rieżami tat-titolizzazzjoni huwa inizjattiva importanti fl-ambitu tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti (SIU, Savings and Investment Union).

**X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?**

Din l-inizjattiva tfittex li ttaffi l-ostakli żejda għall-ħruġ ta' titolizzazzjonijiet u l-investiment fihom, speċifikament:

- Li tnaqqas il-kostijiet operatorji indebiti għall-emittenti u għall-investituri, u tibbilanċjahom ma' standards adegwati ta' trasparenza, protezzjoni tal-investituri u superviżjoni.
- Li taġġusta l-qafas prudenzjali għall-banek u għall-assiguraturi, biex jitqiesu aħjar ir-riskji reali u jitneħħew il-kostijiet prudenzjali indebiti meta jinħarġu titolizzazzjonijiet u meta jsir investiment fihom, filwaqt li fl-istess ħin tiġi mħarsa l-istabbiltà finanzjarja.

Din l-inizjattiva ma tistabbilix mira speċifika għad-daqs jew għat-tkabbir tas-suq, u lanqas ma tfittex li tiffavorixxi ċerti setturi jew tinċentiva l-iżvilupp tas-suq b'mod partikolari. Minflok,

tiffoka fuq it-tneħħija ta' ostakli żejda, li se tirriżulta f'"qafas abilitanti" aktar sensittiv għar-riskju u kkalibrat aħjar għal aktar self lill-ekonomija reali.

Minbarra l-miżuri regolatorji, hemm fatturi oħra li għandhom impatt fuq l-iżviluppi tas-suq. Dawn jinkludu l-kompetizzjoni minn strumenti oħra bħall-bonds koperti, kif ukoll il-politika monetarja fejn f'dawn l-aħħar snin l-aċċess faċli għal-likwidità tal-banek ċentrali għamilha inqas attraenti li l-banek joħorġu titolizzazzjonijiet. Barra minn hekk, l-inizjattivi tal-industrija se jkunu importanti biex jitnaqqsu l-kostijiet permezz ta' ħruġ standardizzat u ekonomiji ta' skala.

**Soluzzjonijiet possibbli**
Ġew identifikati għażliet ta' politika fi tliet oqsma ewlenin, abbażi tal-kontribut minn firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati: l-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, il-Mekkaniżmu Superviżorju Uniku, il-parteċipanti fis-suq, l-akkademiċi, l-NGOs u l-Istati Membri. L-għażliet biex (i) jitnaqqsu l-kostijiet operatorji għoljin, (ii) jitnaqqsu l-ostakli prudenzjali żejda għall-banek biex joħorġu u jinvestu fit-titolizzazzjoni, u (iii) jitneħħew il-kostijiet prudenzjali indebiti għall-assiguraturi biex jinvestu fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, jirriżultaw f'"pakkett" ta' għażliet preferuti li, meqjusa flimkien, jistgħu jilħqu bl-aħjar mod l-objettivi ddikjarati.

Biex jitnaqqsu l-**kostijiet operatorji għoljin**, jiġu kkunsidrati kemm sett immirat kif ukoll sett usa' ta' miżuri. L-Għażla 1.1 tinvolvi s-simplifikazzjoni u t-tneħħija ta' ċerti rekwiżiti ta' diliġenza dovuta u trasparenza li huma meqjusa żejda jew preskrittivi żżejjed (pereż., is-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti ta' verifika għal tranżazzjonijiet ripetuti u mudelli ta' divulgazzjoni). Skont l-Għażla 1.2, ir-rekwiżiti obbligatorji ta' diliġenza dovuta speċifiċi għat-titolizzazzjoni jitneħħew bis-sħiħ għall-investituri regolati, u r-rekwiżiti ta' trasparenza jsiru bbażati fuq il-prinċipji.

Biex jiġi indirizzat il-**qafas prudenzjali** biex il-banek joħorġu aktar titolizzazzjonijiet u jinvestu fit-titolizzazzjoni, huma kkunsidrati żewġ settijiet ta' għażliet: bidliet immirati (l-Għażla 2.1) u riforma radikali (l-Għażla 2.2) tal-qafas prudenzjali eżistenti għall-banek. L-Għażla 2.1 tinvolvi aġġustamenti mmirati għar-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital, biex jiġi żgurat li t-trattament tal-kapital tat-titolizzazzjoni għall-banek ikun aktar sensittiv għar-riskju, kif ukoll biex titwessa' l-eliġibbiltà tat-titolizzazzjonijiet għar-riżervi ta' likwidità tal-banek. L-Għażla 2.1 barra minn hekk tagħmel il-valutazzjoni mis-superviżuri tal-eliġibbiltà tat-tranżazzjonijiet għat-tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju skont il-Qafas dwar Trasferimenti ta' Riskju Sinifikanti aktar rapida u koerenti. L-Għażla 2.2 tkun tinvolvi reviżjoni fundamentali tal-qafas prudenzjali għall-banek, inkluża l-introduzzjoni ta' formuli ġodda għall-kalkolu tat-trattament tal-kapital tat-titolizzazzjonijiet, taffija sinifikanti tar-rekwiżiti biex it-titolizzazzjonijiet ikunu eliġibbli għall-inklużjoni fir-riżervi ta' likwidità tal-banek, u t-tneħħija ta' rekwiżiti kumplessi għas-superviżuri li jivvalutaw it-tranżazzjonijiet għat-tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju. Għall-kuntrarju tal-Għażla 2.1, l-Għażla 2.2 tinvolvi diverġenzi materjali mill-istandards internazzjonali ta' Basel.

Biex jitneħħew **id-diżinċentivi għall-assiguraturi** biex jinvestu fis-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE, qed jiġu ppreżentati tliet għażliet, li kollha jipproponu li jitnaqqsu r-rekwiżiti kapitali. Skont l-Għażla 3.1, ir-rekwiżiti kapitali mhux STS jitnaqqsu biex titnaqqas id-diskrepanza mar-rekwiżiti kapitali STS u jitneħħa l-livell eċċessiv ta' prudenza inkorporat fil-qafas attwali. Skont l-Għażla 3.2, ir-rekwiżiti kapitali għal segmenti superjuri u mhux superjuri ta' titolizzazzjonijiet mhux STS ikunu differenzjati, u b'hekk jitneħħew id-diżinċentivi prudenzjali għall-investiment f'dan is-segment tas-suq. L-Għażla 3.3 tnaqqas ir-rekwiżiti

kapitali għat-titolizzazzjonijiet kollha (STS u mhux STS), filwaqt li tiżgura li r-rekwiżiti kapitali jiffukaw fuq il-fatturi ta' riskju ta' inadempjenza biss.

**Impatti tal-għażliet preferuti**

Abbażi tat-tqabbil tal-effettività, tal-effiċjenza u tal-koerenza, l-analiżi dettaljata għażlet l-għażliet 1.1, 2.1, u 3.2 bħala l-pakkett preferut.

Fl-indirizzar tal-kostijiet operatorji għoljin għall-emittenti u għall-investituri, il-bidliet radikali fil-qafas mhux prudenzjali skont l-Għażla 1.2 irendu benefiċċji akbar fir-rigward tat-tnaqqis tal-piż, madankollu, dan ikun akkumpanjat minn riskju akbar għall-integrità tas-suq. L-Għażla 1.1 tippreżenta eżitu aktar ibbilanċjat bejn it-tnaqqis tal-kostijiet operatorji għad-diliġenza dovuta u d-divulgazzjoni, filwaqt li jinżammu livelli għoljin ta' trasparenza tas-suq, protezzjoni tal-investituri u sorveljanza superviżorja. B'mod ġenerali, il-bidliet proposti għar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta u trasparenza huma stmati li se jirriżultaw fl-iffrankar ta' EUR 310 miljun f'kostijiet fis-sena għas-suq tat-titolizzazzjoni tal-UE.

Fir-rigward tar-regoli prudenzjali għall-banek, l-Għażla 2.1 hija l-għażla ppreferuta biex il-kalibrazzjonijiet ħżiena jiġu indirizzati b'mod effiċjenti u mmirat. L-Għażla 2.2 tista' twassal għal pożizzjonijiet kapitali aktar riskjużi u tħalli impatt fuq ir-riżervi tal-likwidità tal-banek, l-Għażla 2.1 tistimula l-parteċipazzjoni tal-banek fis-suq tat-titolizzazzjoni mingħajr ma tipperikola l-istabbiltà finanzjarja jew tiddevja b'mod sinifikanti mill-istandards internazzjonali.

L-Għażla 3.2 tidher li hija l-aktar effettiva fit-tneħħija tad-diżinċentivi prudenzjali indebiti biex l-assiguraturi jipparteċipaw fis-suq tat-titolizzazzjoni. Din tneħħi l-ostakli prudenzjali żejda għall-investimenti f'titolizzazzjonijiet mhux STS billi tindirizza t-trattament prudenzjali eċċessivament strett attwali, filwaqt li tneħħi l-inċentivi żejda għall-assiguraturi biex jinvestu fis-segmenti l-aktar intensivi u tevita d-deterjorament indebitu tal-protezzjoni tad-detenturi tal-poloz. It-tnaqqis tar-rekwiżiti tal-kapital proprju li jirriżulta mill-Għażla 3.2 ikun qrib EUR 6 biljun (vs EUR 4 biljun għall-Għażla 3.1 u EUR 7 biljun għall-Għażla 3.3).

Il-pakkett preferut jippreżenta opportunità biex l-UE tnaqqas il-piż u l-kostijiet ta' konformità għall-emittenti u għall-investituri, biex tirrivitalizza lis-suq tat-titolizzazzjoni u ttejjeb il-kompetittività tas-sistema finanzjarja tal-UE. L-istituzzjonijiet finanzjarji fl-UE kollha se jkollhom reġimi ta' trasparenza u ta' diliġenza dovuta aktar sempliċi u sensittività akbar għar-riskju fir-rigward tar-riskju reali tal-investiment fit-titolizzazzjoni.